# LEĦEN IS-SANTWARJU TA' ĦAŻ-ŻABBAR

AWWISSU 2021 – Ħarġa Nru: 194




*Il-Kelma tal-Arċipriet...*

## NIBŻGĦU GĦALIHA

Għalkemm għaddew xi ġimgħat, kemm il-medja tradizzjonali kif ukoll dik socjali għadhom itellgħu ritratti u videos tal-maltempati kbar li laqtu lill-Ġermanja, l-Awstrija, il-Lussemburgu u pajjiżi oħra Ewropej f'nofs Lulju. Minn dak li rajna nistgħu ngħidu li kienu xeni "apokalittiċi". Fl-Italja deher silġ id-daqs ta' tuffieħa li għamel ħafna ħsara, speċjalment fil-karozzi.

Min-naħa l-oħra, mhux biss il-pajjiżi tal-Mediterran inkluż aħna, iżda anke l-Ingilterra u l-Kanada ġarrbu u għadna nġarrbu sħanat qliel li qed itulu għal numru ta' jiem. Bil-mod il-mod, ħafna nies aktar minn qabel, qed jammettu li dan kollu hu frott tat-tibdil tal-klima. Ix-xjenzati jsostnu li b'din it-rata, il-pajjiżi tal-Mediterran fi ftit snin oħra, sa jaqilbu għall-klima tad-deżert.

Dan it-temp estrem qed jurina li se jkun aktar frekwenti. Diġà nafu li l-istaġuni tar-rebbiegħa u l-ħarifa kważi sparixxew. Qed jibqa' biss xtiewi u sjuf qliel.



**Bla saħħa**

Quddiem dan kollu nistgħu nħossuna mistgħaġba u bla saħħa, għax aħna ftit li xejn nistgħu nagħmlu biex intejbu s-sitwazzjoni. Tisma' min jgħid: "Imma aħna m'aħniex il-politiċi" jew "huma l-pajjiżi l-kbar li għandhom bżonn irażżnu l-imġieba tagħhom ħalli jkollna klima aktar ħanina".

Aħna wkoll għandna d-doveri tagħna xi nwettqu lejn dil-pjaneta jew kif isejħilha l-Papa "din id-dar komuni tagħna". Tajjeb għalhekk li:

- Nedukaw ruħna dwar x'inhu jwassal għat-tibdil tal-klima;
- Nieħdu ħsieb il-mezzi tagħna ta' trasport biex ma jarmux dħaħen aktar milli suppost;
- Jekk jista' jkun, għal xi attività partikulari jew ix-xogħol, jingħaqdu l-ħbieb biex jużaw l-istess karozza;
- Nisseparaw sewwa l-iskart tagħna anke meta nkunu waqt il-barbeques tas-sajf;
- Innaqqsu kemm jista' jkun l-użu tal-plastik;
- Ma naħlux ikel bla bżonn ħalli ma nikkunsmawx aktar milli jkun meħtieġ;
- Nibżgħu għas-siġar u nħawlu aktar minnhom għax dawn isaffu l-arja li ħafna drabi hi mniġġsa.

Kultant ninsew li parti sew mill-fenomenu tal-immigrazzjoni ġej ukoll mit-tibdil tal-klima. Miljuni ta' nies qed iġarrbu nixfiet kbar

bil-konsegwenza li, ma jkollhomx biżżejjed prodotti tal-ikel biex jgħixu. Allura kif nippretendu li joqgħodu jħarsu f'pajjiżjhom biex imutu bil-ġuħ u ma jimxux lejn artijiet oħra li "s'issa" huma aħjar minn tagħhom?

**Dover tagħna**

Aħna bħala Insara għandna doveri kbar lejn il-ħarsien tal-ħolqien għax dan ħareġ minn idejn Alla. Aħna m'aħniex "ħakkiema" tal-ħolqien iżda "ħarriesa" tiegħu biex ngħadduh aħjar milli sibnih lil ta' warajna.

Papa Franġisku, fl-ewwel enċiklika tiegħu *Laudato sì* dwar il-ħarsien tal-ħolqien, jgħidilna hekk: "L-univers kollu juri l-imħabba u l-affezzjoni ta' Alla lejna. Il-ħamrija, l-ilma, il-muntanji, kollox hu bħal bewsa mingħandu".

Nittamaw li lkoll kemm aħna nibqgħu nħarsu lejn il-ħolqien b'dan il-mod u nagħmlu l-almu tagħna biex ma nkomplux neqriduh.

***Dun Evan***

## NILTAQGĦU NHAR … AWWISSU 2021

**Ħadd 1:** **It-18-il Ħadd ta' matul is-sena**
**Erbgħa 4:** San Ġwann Marija Vianney, presbiteru, – patrun tal-Kappillani – Tifkira O
**Ġimgħa 6:** *It-Trasfigurazzjoni tal-Mulej* – Festa. *L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar.* Wara l-quddiesa tas-6.30pm ħin ta' adorazzjoni u barka Sagramentali.
**Sibt 7**: *Is-Sitt Sibt tal-Grazzja.* Fis-5.50pm kurunella, funzjoni tas-Salve u quddiesa bil-kant u l-omelija.
**Ħadd 8**: **Id-19-il Ħadd ta' matul is-sena**
**Tnejn 9:** Santa Tereża Benedetta tas-Salib, verġni u martri, patruna tal-Ewropa – Festa
**It-Tlieta 10:** San Lawrenz, djaknu u martri – Festa
**Erbgħa 11:** Santa Kjara, verġni, – Tifkira O
**Sibt 14:** San Massimiljan Marija Kolbe, presbiteru u martri – Tifkira O. *Is-Seba' Sibt tal-Grazzja.* Fis-5.50pm kurunella, funzjoni tas-Salve u quddiesa bil-kant u l-omelija.
**Ħadd 15:** **Solennità tal-Imqaddsa Verġni Marija mtella' s-sema – patruna ta' Malta.** Festa kmandata.
**Ġimgħa 20:** San Bernard, abbati u duttur tal-knisja – Tifkira O
**Sibt 21:** San Piju X, Papa – Tifkira O. *It-Tmien Sibt tal-Grazzja.* Fis-5.50pm kurunella, funzjoni tas-Salve u quddiesa bil-kant u l-omelija.
**Ħadd 22:** **Il-21 Ħadd ta' matul is-Sena**
**Tlieta 24:** San Bartilmew, appostlu – Festa
**Ġimgħa 27:** Santa Monika – Tifkira O
**Sibt 28:** Santu Wistin, Isqof u duttur tal-knisja – Tifkira O. *Id-Disa' Sibt tal-Grazzja.* Fis-5.50pm kurunella, funzjoni tas-Salve u quddiesa bil-kant u l-omelija.
**Ħadd 29:** **It-22 Ħadd ta' matul is-sena**

N.B.
* Kull nhar ta' Ħadd fil-11.30am, quddiesa għall-Familji fis-santwarju
* Kull nhar t'Erbgħa fis-5.45pm, attività għat-tfal u fis-6.30pm quddiesa fis-santwarju

**INGĦAQDU MAL-MULEJ GĦAL DEJJEM**

Grace Zerafa (93), Grezzju Darmanin (83), Joseph Agius (73), Charles Vella (84), Alfred Pulis (64), Giovanni Cassar (82), Jane Saliba (60), Grace Farrugia (92), Edward Montebello (95), Grace Mifsud (73).
*Agħtihom, O Mulej, il-mistrieħ ta' dejjem.*